**13 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Stephen Borg Cardona LL.D.**

M mart A D

*versus*

A D

**Żwieġ - Nullità**

*Is-soċjetà għandha tipproteġi ż-żwieġ u min javvanza xi pretensjoni dwar nullità ta' żwieġ għandu jagħmel dan bl-aktar mod serju u bi provi konkreti, u mhux b'mod leġġer u inkonvinċenti.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; premess illi l-partijiet iżżewġu f'Ħal Tarxien fis-16 ta' Lulju, 1938 (ara Kopja ta' l-Att taż-Żwieġ numru 9113 tas-sena 1938 - dokument A); u premess illi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-konvenut kien u għadu jbati minn skirżofrenija kronika li possibbli ħafna kienet tirrisali għall-ġurnata taż-żwieġ u għalhekk kienet tirrendih inkapaċi li jiżżewweġ; u premess illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa null skond il-liġi; talbet li l-Qorti tiddikjara ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fit-18 (tmintax) ta' Lulju, 1938 u rreġistrat fir-Reġistru b'att numru 913/1938, Dok. A, hu null u bla effett skond il-liġi; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li biha qalu li huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok għal dina ċ-ċitazzjoni u għalhekk jirriservaw li jagħtu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuti u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Rat id-digriet tas-26 ta' Marzu, 1980, li bih ġie mqabbad bħala perit, l-Avukat Dr. Antonio Farrugia biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-

eċċezzjonijiet u jagħmel l-osservazzjonijiet neċessarji u li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit a fol. 58 tal-proċess li ġiet minnu debitament maħlufa fid-9 ta' Novembru, 1983;

Eżaminat il-provi prodotti;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża inklużi l-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-istess perit;

Ikkunsidrat:

Illi l-perit legali wasal għall-konklużjoni li t-talba attriċi m'għandhiex tiġi milqugħa u ma' din il-konklużjoni l-Qorti taqbel għal kollox u tagħmilha tagħha u a skans ta' ripetizzjoni mhix ser issemmi r-raġunijiet li għalihom wasal għal din il-konklużjoni;

Biżżejjed jingħad, kif irrileva l-istess perit, li l-attriċi naqset tipproduċi xhieda bħal Dr. Abram Galea li żgur seta' jgħin fil-każ in eżami; kif sewwa rrileva l-Perit Legali, is-soċjetà għandha tipproteġi ż-żwieġ u min javvanza xi pretensjoni dwar nullità ta' żwieġ għandu jagħmel dan bl-aktar mod serju u bi provi konkreti u mhux b'mod leġġer u inkonvinċenti li bih ġabet il-provi l-attriċi, meta din iżżewġet fl-1938 u avvanzat il-pretensjoni tagħha fl-1978;

Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi. L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.

---